Alla tagħna isma' t-talb tagħna,
Eħles għinna u ieqaf magħna!
Glorja 'l-Missier... Kif kien mill-bidu...

**Il-Pjaga ta' l-Id il-leminija**

Wisq twajjeb Ġesù Msallab, flimkien ma' Marija Santissima, ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha tas-Sema, nadura l-Pjaga mqaddsa ta' Idek il-leminija. Jien niżżik ħajr għall-imħabba bla qies li biha Inti ridt iġġarrab tbatijiet hekk ħorox bi tpattija ta' dnubieti li jien nobgħod b'qalbi kollha: nitolbok li tagħti lill-Knisja r-rebħa fuq l-għedewwa tagħha u lil uliedha kollha, il-grazzja li jitqaddsu bil-kmandamenti tiegħek.
*Missierna...... Sliema...... Glorja......*

**Il-Pjaga ta' l-Id ix-xellugija**

Wisq twajjeb Ġesù Msallab, flimkien ma' Marija Santissima, ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha tas-Sema, nadura l-Pjaga ta' Idek ix-xellugija. Jien nitolbok li xxerred il-grazzji tiegħek fuq il-midinbin u dawk li qegħdin imutu, u l-aktar fuq dawk li ma jridux jagħmlu paċi miegħek.
*Missierna...... Sliema...... Glorja......*

**Il-Pjaga tar-Riġel il-lemini**

Wisq twajjeb Ġesù Msallab, flimkien ma' Marija Santissima, ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha tas-Sema, nadura l-Pjaga ta' Riġlek il-lemini. Jien nitolbok li l-kleru kollu u l-erwieħ ikkonsagrati Lilek jikbru dejjem fil-qdusija.
*Missierna...... Sliema...... Glorja......*

**Il-Pjaga tar-Riġel ix-xellugi**

Wisq twajjeb Ġesù Msallab, flimkien ma' Marija Santissima, ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha tas-Sema, nadura l-Pjaga tar-Riġel Tiegħek ix-xellugi. Nitolbok li teħles lill-Erwieħ tal-Purgatorju, l-aktar dawk li kienu devoti lejn il-Pjagi Mqaddsa Tiegħek.
*Missierna...... Sliema...... Glorja......*

**Il-Pjaga tal-Kustat**

Wisq twajjeb Ġesù Msallab, flimkien ma' Marija Santissima, ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha tas-Sema, nadura l-Pjaga Mqaddsa tal-Kustat Tiegħek. Nitolbok li tbierek lil dawk kollha li għandhom il-bżonn tat-talb tiegħi.
*Missierna...... Sliema...... Glorja......*

Verġni wisq imnikkta,
Itlob għalina. (tliet darbiet).

Ġesù Msallab, saħħaħ dawn it-talbiet tiegħi bil-merti tal-Passjoni Mqaddsa tiegħek; agħtini l-grazzja li ngħix ħajja qaddisa, li nirċievi s-sagramenti fil-ħin tal-mewt u l-glorja ta' dejjem. Hekk ikun.

*(Indulġenza ta' 300 jum kull darba. Plenarja darba fix-xahar.)*

L-*Għaqda* tal-Katekisti tas Santissimu Kurċifiss u ta' Marija Santissima Immakulata hija Istitut reliġjuż sekulari li għandha bħala għan il qdusija fid-dinja tal-Imseħbin tagħha u l-apostolat soċjali u tal-katekiżmu.

Dawk l-Insara li jħabirku biex jgħidu d-"Devozzjoni lil Ġesù Msallab" u biex jgħinu l-opri ta' l-Għaqda, jistgħu jissieħbu f'din il-Għaqda bħala *Miktubin* jew bħala *Żelaturi* u jieħdu sehem fil-merti, fl-Indulġenzi u l privileġġi tar ruħ, mogħtija lill-Għaqda nnifisha. Biex wieħed jinkiteb m'hemm l-ebda ħlas.

Dawk li jkunu jridu jidħlu bħala *Miktubin* jew *Żelaturi* m'għandhomx jagħmlu ħlief li jagħtu isimhom lil President Ġenerali ta' l-Għaqda, via Bernardino Galliari, 2, Torino, jew lid-Direttur, St. Joseph's Junior Novitiate, (Freres), Cottonera. (Malta).

## BARKA PAPALI

"Aħna nitolbu lil Alla sabiex ixerred il-grazzji Tiegħu fuq id-Direttur u l-Membri ta' din il-Għaqda qaddisa ta' Ġesù Msallab, imwaqqfa kanonikament f'Torino, biex il qassisin bil-kelma u bl-eżempju kif ukoll, is-sekulari bil qdusija ta' ħajjithom, ifittxu dejjem 'praedicare Jesum Christum et Hunc crucifixum!'

Mill-Vatikan, 18 ta' Jannar 1915.
BENEDICTUS P.P. XV.

*L-Għaqda tal-Katekisti xxerred b'xejn dawn il-fojjetti tad-"Devozzjoni lil Ġesù Msallab" u tibgħathom lil min jixtieqhom. Imma jekk xi ħadd jixtieq jibgħat xi offerta żgħira għal-ispejjeż ta' l-istampa, il-Katekisti jkunu jgħafuhulhom u jitolbu għalihom.*

*NIHIL OBSTAT*:
P. ALFONSUS M. CAMILLERI O.F.M. Cens. Theo.
26 - 4 - 1956.
Imprimatur:
† EM. GALEA, Ep. Tralles in Asia. Vic. Gen.
24 - 10 - 58.

——— O ———

*Copy Right*: Freres, Malta.

Lux Press

Maltese



## DEVOZZJONI LIL ĠESU' MSALLAB

Din id-devozzjoni, miktuba u mxerrda mill-Qaddej t'Alla Fra Leopoldo Musso O.F.M., għandha bħala għan li tgħallem l-erwieħ biex jagħrfu u jħobbu lil Ġesù Msallab u trawwimhom fl-ispirtu tat-tgħakkis u b'hekk jiksbu li jgħixu ħajja nisranija f'kull fergħa tas-soċjetà u li jersqu aktar ta' sikwit lejn is-Sagramenti mqaddsa; li jpattu għad-dnubiet u għal dawk li jridu jkeċċu s-salib mid-djar, mill-iskejjel u minn qlub il-bnedmin.

Id-devozzjoni lejn Ġesù Msallab tfakkarna, fil-qosor, fis-sbuħija tal-Liturġija mnikkta tal-Ġimgħa l-Kbira u għalhekk għandha ssir b'sentimenti ta' ndiema u mħabba li jitqanqlu fina fil-liturġija ta' dak il-jum hekk għażiż għan-nisrani.